# Dokumentarju internazzjonali Malti



**L-assoċjazzjoni non-governattiva Write Deal Association għadha kemm organizzat konferenza hawn Malta li fiha attendew sitt assoċjazzjonijiet differenti minn sitt pajjiżi Ewropej oħra. Dawn waslu mill-Italja, mill-Awstrija, mill-Ġermanja, mill-Iżvezja, mill-Polonja u mir-Repubblika Ċeka. Huma qed jaħdmu flimkien fuq proġett li għandu sentejn għaddej u li jismu LUTA Learn-Understand-Trust-Act (Tgħallem-Ifhem-Afda-Agħmel).**

Dawn il-pajjiżi se jkunu jippreparaw dokumentarju dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati li fih se jkunu qed janalizzaw u jqabblu l-affarijiet simili u differenti li jeżistu fil-pajjiżi differenti.

Pereżempju minn liema pajjiżi jkunu ġejjin ir-refuġjati li jidħlu fl-Iżvezja?

X'differenzi hemm bejn il-mod kif il-bniedem japplika għall-istat ta' refuġjat meta jkun f'Malta għall-mod kif jista' jagħmel l-istess ħaġa meta jkun fl-Awstrija?

X'hemm simili fir-rigward tas-sitwazzjoni tar-refuġjati hawn Malta u fl-Italja?

Id-dokumentarju se jinkludi fih dawk ir-refuġjati mis-seba' pajjiżi li se jaqsmu magħna l-istorja ta' ħajjithom. Fosthom x'ġegħilhom jaħarbu minn pajjiżhom u l-vjaġġ tagħhom lejn pajjiżi li setgħu joffrulhom refuġju.

Waħda mir-raġunijiet għaliex dan id-dokumentarju se jsir hu wkoll biex jingħata wiċċ lil dawn ir-refuġjati u nifmhu għaliex kellhom jitilqu mill-pajjiż tagħhom.

Skop ieħor hu li nsiru nafu kif uħud mir-refuġjati li qed jistkennu fl-Ewropa llum huma membri attivi mill-komunità li qed jagħtu sehem importanti fil-pajjiż grazzi għax-xogħol tagħhom.

Tkellimna ma' Mary Ann Zammit, il-President ta' Write Deal Association.

## Is-sitwazzjoni tar-refuġjati f'pajjiżi differenti



Il-parteċipanti waqt il-konferenza




Elisabeth Freithofer, parteċipanta mill-Awstrija

"Dan id-dokumentarju hu interessanti għax jikxef fatti dwar ir-refuġjati li żgur li ma konniex nafuhom. Biss biss tajjeb inkunu nafu kif is-sitwazzjoni tar-refuġjati qed taffettwa mhux lilna biss, imma lill-kumplament tal-Ewropa.

"Waqt il-konferenza ħareġ studju tal-Eurostat li rriżulta li fl-2013 Malta kollha l-akbar numru ta' individwi jitolbu għall-istat ta' refuġjati. Fil-fatt, ir-ratio hu li minn kull 1,000 ċittadin Malti ssib 4.98 individwi qed jitolbu għall-istat ta' refuġjat. Waqt li dan hu l-ikbar fl-Ewropa, fl-istess sena fit-tieni post insibu l-Iżvezja b'4.63 individwi qed jitolbu għall-istat ta' refuġjat għal kull 1,000 ċittadin Żvediż.

"Imbagħad l-Italja tinsab fis-17-il post f'din il-lista. F'kelma oħra, hemm ħafna dwar dan is-suġġett li baqgħalna xi nsiru nafu dwaru."

*Għal iktar informazzjoni tista' tibgħat email fuq ruthfren@gmail.com*